# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 27 ta' Marzu, 2020.**

**Numru 4**

**Rikors numru 433/10 SM**

**Bonanno Joseph**

**v.**

**Malta Freeport Terminals Limited (C 27581)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' Joseph Bonanno tad-29 ta' April, 2010, li permezz tieghu nghad:

> "1. Illi r-rikorrenti hu *registered port-worker* u fit-8 ta' Dicembru 2007 kien qed jahdem b'inkarigu tas-socjeta` intimata abbord il-vapur "M.V. Rabat" li kien sorgut f'Terminal 1 fil-Malta Freeport, Kalafrana.

"2. Illi waqt li r-rikorrent kien qed jaghmel xoghol ta' *lashing*[1] skont kif ordnat, u waqt li kien qed jorbot u jissikka *bottle screw* inqalghet il-hadida (*iron bar*) li torbot lill-kontejner minn postha, u s-sebgha tan-nofs ta' id il-leminija tar-rikorrent inqabad bejn il-*bottle screw* u l-istess hadida, bil-konsegwenza li r-rikorrent sofra dizabilita` permanenti ta' tlieta fil-mija (3%) u korriment serju, skont ma jirrizulta mic-certifikat mediku rilaxxjat minn Mr. Massimo Abela li qed jigi hawn anness u markat bhala Dokument LS 1.

"3. Illi wkoll minhabba dan il-korriment ir-rikorrent dam ma jistax jahdem bejn it-8 ta' Dicembru 2007 u t-12 ta' Gunju 2008, u b'hekk sofra wkoll *loss of wages*.

"4. Illi s-socjeta` intimata hi responsabbli ghal dan il-korriment u d-danni konsegwenzjali peress li ma pprovdietx *a safe working environment*.

"5. Illi s-socjeta` intimata giet interpellata biex tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha li sofra r-rikorrent f'dan l-incident izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

"Tghid ghalhekk is-socjeta` intimata ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

"1. Tiddikjara illi s-socjeta` intimata hi responsabbli ghall-incident li fih safa korrut ir-rikorrent li sehh fit-8 ta' Dicembru 2007 abbord il-vapur "M.V. Rabat" li kien sorgut f'Terminal 1 fil-Malta Freeport, Kalafrana.

"2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent minhabba dan l-incident u l-korriment konsegwenzjali, u dana okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi.

"3. Tikkundana lis-socjeta` intimata biex thallas lir-rikorrent id-danni kollha hekk likwidati.

"Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficcjali tat-28 ta' Awwissu 2008 kontra s-socjeta` intimata li hi ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta mahlufa tas-socjeta` intimata Malta Freeport Terminals Limited tal-1 ta' Gunju, 2010, li permezz taghha eccepiet:

"1. Illi t-talbiet tar-rikorrent Bonanno huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent Bonanno u

[1] Il-lashing/unlashing hu l-process li bih il-kontejners li jkun hemm abbord il-vapur jintrabtu jew jinhallu mill-irbit taghhom, skont il-kaz.

dana stante illi l-incident in kwistjoni ma sehhx b'xi tort jew negligenza tas-socjeta` intimata;

"2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, id-dizabilita` allegatament sofferta mir-rikorrent u d-danni sofferti minnu huma ikkontestati, u r-rikorrent ghandu jressaq kull prova valida skont il-ligi sabiex jipprova d-danni pretizi minnu;

"3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skont il-ligi."

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-6 ta' Novembru, 2014, li permezz taghha l-kawza giet deciza fis-sens li filwaqt li qieset li r-rikorrenti Joseph Bonanno ipprova l-kaz tieghu skont il-ligi u ghalhekk laqghet it-talbiet kollha tal-imsemmi rikorrenti, rrispingiet ir-risposta guramentata tas-socjeta` konvenuta Malta Freeport Terminals Limited u konsegwentement: (1) iddikjarat l-imsemmija socjeta` konvenuta unikament responsabbli ghall-incident li bih korra r-rikorrenti, li sehh fit-8 ta' Dicembru, 2007, abbord il-vapur M. V. Rabat, li kien sorgut fit-Terminal Numru 1 fil-Freeport, Kalafrana; (2) illikwidat id-danni sofferti mir-rikorrenti konsegwenti ghall-imsemmi incident, fl-ammont ta' €47,061.55; (3) ikkundannat lis-socjeta` konvenuta Malta Freeport Terminals Limited sabiex thallas lir-rikorrent Joseph Bonanno l-ammont ta' danni hekk likwidati; u (4) bl-ispejjez tal-proceduri kontra l-istess socjeta` konvenuta.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"10.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-kaz odjern jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

"10.1. Illi bhala impjegat fil-kariga ta' *"registered port worker"* jirrizulta li fit-8 ta' Dicembru, 2007, kien assenjat mis-socjetà intimata biex jahdem abbord il-vapur *M.V. Rabat* li kien sorgut fit-Terminal Numru 1 fil-*Freeport*, Kalafrana u jaghmel xoghol ta' lattjar – ossija *"lashing"* (ara foll 48);

"10.2. Illi kif jispjega l-istess rikorrenti fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu, il-lattjar "hu l-process li bih il-merkanzija, f'dan il-kaz *"containers"*, tigi marbuta b'irbit appozitu mad-*deck* tal-vapur ghal waqt il-vjagg bil-bahar biex ma jeghlbux", (ara foll 48);

"10.3. Illi l-irbit tal-*"containers"* isir permezz ta' *"lashing rods"* mad-*deck* tal-vapur meta jkunu *"stocked one high"*, (ara foll 48);

"10.4. Illi meta l-*"containers"* ikunu *"stocked two high"* dawn ikunu marbuta permezz ta' *"lock"* appozitu maghruf bhala *"twist lock"* li jiddahhal fil-kantunieri tal-*"container"*, (ara foll 48);

"10.5. Illi l-*"lashing rods"* huma vireg twal u tqal, u huma ta' l-azzar, (ara foll 48);

"10.6. Illi in-naha ta' fuq tal-*"lashing rod"* tikkonsisti f'hadida fil-forma tal-ittra 'L' biex din tiddahhal fil-kwadrant tal-*"container"* u tiggancja ruhha fil-post, filwaqt li fin-naha opposta taghha hemm diversi crieki biex l-operatur iqabbad il-*"bottle screw"* maghhom, (ara foll 49 u 58);

"10.7. Illi fit-8 ta' Dicembru, 2007, ir-rikorrenti kien xoghol mit-8.00am sal-4.00pm u kien qed jahdem f'koppja ma' *"registered port worker"* iehor minnu indikat, (ara foll 49);

"10.8. Illi skont l-istess intimat il-*"lashing rods"* uzati biex jinhadmu fuq *"containers"* *"one high"* u *"two high"* ikunu ta' daqs differenti, u dan:

10.8.1. Peress li d-daqs tat-toqba li tigi iggancjata tkun differenti;

u

10.8.2. Peress li l-*"lashing"* isir b'mod differenti, (ara foll 51);

"10.9. Illi kif jispjega l-istess rikorrenti fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu hemm differenza fil-*"lashing rods"* ta' *"containers"* li jkunu *"stocked one high"* u dawk *"stocked two high"*, (ara foll 51);

"10.10. Illi nonostante d-differenzi riskontrati il-*"lashing rods"* ipprovduti mis-socjetà intimata lir-rikorrenti biex jahdem bihom dak inhar kienu kollha ta' l-istess daqs, (ara foll 51);

"10.11. Illi rizultat tal-istakkjar differenti tal-*"containers"* kif fuq indikat is-*"safe working practice"* kien jitlob li minflok kellhom jigu pprovduti *"lashing rods"* ta daqs differenti fejn dawk uzati ghall-*"corner castings"* fil-*"containers" "stocked one high"* ikunu akbar minn dawk uzati biex jintrabat il-*"corner casting"* ta' isfel *"stocked two high"*, (ara foll 51);

"10.12. Illi konsegwenza tal-istess meta r-rikorrenti gie biex jorbot il-*"container" "stocked one high"* mit-toqob tal-kwadrant ta' fuq tieghu dan kien kostrett juza l-istess *"lashing rods"* uzati biex jintrabtu l-*"containers tat-two high"*, (ara foll 51);

"10.13. Illi l-prattika ta' xoghol indikata fil-paragrafu precedenti hi prattika hazina u perikoluza, (ara foll 51);

"10.14. Illi in effetti l-incident in dizamina sehh meta r-rikorrenti kien kostrett jissikka l-*"bottle screw"* b'idejh stess, bil-konsegwenza li l-*"lashing rod"* moghtija lilhu biex jahdem biha, li allura, ma kienitx tal-qies proprju ghal dan ix-xoghol specifiku, bdiet ticcaqqlaq, harget mit-toqba taghha, waqghet ghal isfel, u qabbdet is-sabà tan-nofs t'id il-leminija tar-rikorrenti, (ara foll 52);

"Ikkunsidrat:

"11. Illi skont ir-regolament 8 tar-Regolamenti dwar il-Haddiema tal-Port dawn il-haddiema huma obbligati jahdmu bl-ghodod u bit-taghmir maghzula mill-principal taghhom;

"12. Illi *di più*, l-ebda haddiem m'ghandu dritt jaghzel il-makkinarju u ghalhekk ghandu jahdem bil-makkinarju assenjat lilu mill-Kumpanija jew mill-*foreman*, (ara foll 156);

"Ikkunsidrat:

"13.0. Illi skont ir-relazzjoni medika *ex parte in atti*, jirrizulta sintetikament is-segwenti:

"13.1. Illi l-falangi tas-subà tan-nofs t'idejn il-leminija tar-rikorrenti kellu cikatrici pjuttost tenera u ipertrofika;

"13.2. Illi l-gogi kollha tas-subà involut kienu jiccaqalqu sew;

"13.3. Illi t-tendini tas-subà involut kienu intatti u kienu jiffunzjonaw b'mod normali;

"13.4. Illi kien hemm sensazzjoni differenti ikkagunata minhabba c-cikatrici li r-rikorrenti kellu fit-tarf ta' subghajh;

"13.5. Illi jqis li l-ferita subita mir-rikorrenti hi ta' natura hafifa ghalkemm ikkawzat il-feriment taz-zewg nervaturi tas-subà involut;

“13.6. Illi t-tnemnim u s-sensazzjoni alterata riskontrata fl-istess subà huma ta’ natura permanenti u irriversibbli;

“13.7. Illi tenut kont ta’ dak riskontrat stabilixxa li r-rikorrenti ghandu dizabilità permanenti ta’ tlieta fil-mija (3%), (ara foll 5 u 6);

“Ikkunsidrat:

“14.0. Illi minn naha tieghu l-espert mediku inkarigat mill-qorti diversament preseduta ikkonstata is-segwenti:

“14.1. Illi fil-hin tal-incident ir-rikorrenti kien liebes l-ingwanti;

“14.2. Illi b’rizultat tal-incident *de quo* ir-rikorrenti kellu ticrita f’subghajh tan-nofs t’idejh il-leminija;

“14.3. Illi fl-Isptar it-ticrita inhietet u subghajh gie marbut mas-subà ta’ hdejh;

“14.4. Illi ghalkemm ir-rikorrenti kien imur ghall-fizjoterapija, subghajh xorta baqà jnemnem;

“14.5. Illi meta r-rikorrenti jistrapazza is-subà involut kien ihoss ugieh fih;

“14.6. Illi r-rikorrenti kellu l-movimenti tal-gogi kollha u l-ligamenti kienu kollha stabbli;

“14.7. Illi però, fit-tarf ta’ l-istess subà kien jirrizulta li ma kellux is-sensazzjoni tal-hass ghal labra;

“14.8. Illi r-rikorrenti carrat il-gilda u n-nerv digitali ta’ subghajh tan-nofs t’idu l-leminija meta dan inqabad bejn il-vireg tal-hadid;

“14.9. Illi l-ferita fieqet tajjeb u baqà biss tnemnim fl-imsemmi subà b’rizultat tal-hsara kkagunata lin-nerv digitali involut;

“14.10. Illi s-sitwazzjoni tal-imsemmi nerv mhux ser tinbidel ghall-ahjar;

“14.11. Illi r-rikorrenti jibqà jkun affettwat meta jaqbad oggetti b’idejh il-leminija minhabba li ma jhoss xejn fis-subà kkoncernat;

“14.12. Illi tenut kont tas-suespost l-istess espert mediku nominat ikkonkluda li r-rikorrenti qieghed ibaghti b’dizabilità permanenti ta’ tnejn fil-mija, (2%);

“Ikkunsidrat:

"15. Illi tenut kont tas-suespost u tal-prossimità temporanja tar-relazzjoni tal-espert mediku nominat kurjalment, tiddikjara li qed tadotta l-istess konkluzjonijiet li wasal ghalihom l-istess espert mediku in dizamina u taghmilhom taghha;

"Ikkunsidrat:

"16. Illi r-rikorrenti jsostni li fil-hin tal-incident hu kien liebes il-*"full safety gear"*, li jinkludi *"helmet"*, *"safety shoes"*, *"vest"* u ingwanti – u mhux ingwanti biss kif wiehed jistà jifhem mir-relazzjoni peritali fuq analizzata, (ara foll 52);

"Ikkunsidrat:

"17. Illi l-lanjanza principali tas-socjetà intimata rizultanti minn nota ta' sottomissjonijiet taghha tirrigwarda l-allegazzjoni taghha li la r-rikorrenti mhux impjegat taghha allura hi ghandha tinheles minn kull responsabbilità u ghalhekk in effetti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, (ara foll 146);

"18. Illi xejn m'hu l-boghod aktar minn hekk;

"19.0. Illi f'dan ir-rigward jigi sintetikament stabbilit is-segwenti:

"19.1. Illi hu minnu li r-rikorrenti mhux impjegat tas-socjetà intimata u hu in effetti *"self employed"*;

"19.2. Illi f'dan ir-rigward ghandu immedjatament jinghad li tali eccezzjoni ma gietx sollevata fir-risposta guramentata tal-istess u hu ferm preokkupanti li dan tqajjem fi stadju hekk tardiv tal-procedura meta addirittura issa l-kawza qed tigi wkoll deciza minn qorti li ma kienitx involuta fil-procedura kollha precedenti;

"19.3. Illi *detto ciò*, jinghad fil-qosor li ghalkemm ir-rikorrenti mhux impjegat tas-socjetà intimata, jirrizulta li hi din is-socjetà li:

19.3.1. Forniet lir-rikorrenti bl-ghodod necessarji biex jahdem bihom;

19.3.2. Indikatlu liema xoghol ried jezegwixxi;

"19.4. Illi in vista tal-premess qed tirrespingi bhala illegittima il-lanjanza in dizamina u qed tiskartha;

"Ikkunsidrat:

"20.0. Illi tenut kont tas-suespost il-fatti riskontrati jindikaw is-segwenti:

"20.1. Illi x-xoghol moghti lir-rikorrenti biex jahdem fuq il-vapur *M.V. Rabat* gie moghti mis-socjetà intimata lill-istess rikorrenti;

“20.2. Illi l-ghodda uzata mir-rikorrenti hi dik moghtija lilhu esklussivament mis-socjetà intimata stante li l-haddiema involuti, bhar-rikorrenti, huma statutorjament prekluzi milli juzaw ghodod taghhom;

“20.3. Illi r-rikorrenti kien liebes l-ilbies kollhu protettiv necessarjament rikjest ghax-xoghol in dizamina;

“20.4. Illi l-ghodda moghtija mis-socjetà intimata lir-rikorrenti uzata minnu meta sehh l-incident in dizamina ma kienitx dik *idonea* ghax-xoghol rikjest;

“20.5. Illi kien imhabba f’dan il-fatt li sehh l-incident in dizamina;

“20.6. Illi ghalhekk is-socjetà intimata hi responsabbli ghall-incident in dizamina;

“20.7. Illi rizultat tal-istess, ir-rikorrenti sofra dizabilità permanenti ta’ tnejn fil-mija (2%);

“Ikkunsidrat:

“21.0. Illi rigward id-danni sofferti mir-rikorrenti jinghad sintetikament is-segwenti:

“21.1. Illi *ai termini* tal-artiklu 1045 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta:

“Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha ... hija it-telf effettiv li l-eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qligh iehor attwali, u t-telf ta’ qligh li tbati ‘l quddiem minhabba inkapacità ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil setà jgib”;

“21.2. Illi a skans ta’ dilungar inutili din il-qorti taghmel referenza ghall-kazistika citata mill-abbli rapprezentanti legali tar-rikorrenti fir-rigward u tistrieh fuql-istess, (ara foll 139 u 140);

“Ikkunsidrat:

“22.0. Illi d-dannu soffert mir-rikorrenti qieghed jigi stabbilit bil-mod segwenti:

“22.1. Illi fl-2007, is-sena tal-incident in dizamina, sas-6 ta’ Dicembru, tal-istess sena ir-rikorrenti qalà hamsa u hamsin elf hames mija tmienja u sebghin Ewro u hamsa u tmenin centezmu, (€55,578.85);

"22.2. Illi fil-gurnata tal-incident ir-rikorrenti kellu disgha u tletin (39) sena;

"22.3. Illi r-rikorrenti jilhaq l-età penzjonabbli fl-età ta' hamsa u sittin (65) sena;

"22.4. Illi din il-qorti qed tapplika l-*"multiplier"* indikat mill-abbli rapprezentanti legali tar-rikorrenti fin-nota tieghu, (ara foll 141), u konsegwentement tiddikjara li l-ammont ta' danni bhala *lucrum cessans* hu ta' tlieta u ghoxrin elf erbà mija u sittin Ewro, (€23,460.00);

"22.5. Illi rigward id-*dannum emergens* gie stabbilit fix-xhieda prodotta li l-attur tilef is-somma ta' tlieta u ghoxrin elf sitt mija u Ewro u hamsa u hamsin centezmu, (€23,601.55), f'telf ta' salarju, (ara foll 23A);

"22.6. Illi ghaldaqstant l-ammont ta' danni komplessivi sofferti mir-rikorrenti jammontaw ghal sebgha u erbghin elf u wiehed u sittin Ewro u hamsa u hamsin centezmu (€47,061.55);"

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` Malta Freeport Terminals Limited, li permezz tieghu talbet lil din il-Qorti sabiex thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti moghtija fl-ismijiet premessi fis-6 ta' Novembru, 2014 u li tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta` appellanti fl-intier taghhom, filwaqt li tichad it-talbiet kollha tal-attur appellat. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

Rat ir-risposta tal-appell ta' Joseph Bonanno li permezz taghha wiegeb li l-appell interpost mis-socjeta` konvenuta ma jimmeritax l-akkoljiment tieghu u ghandu jigi michud, filwaqt li s-sentenza appellata ghandha tigi kkonfermata. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` konvenuta hawn appellanti.

Rat li d-difensuri tal-partijiet irrimettew ruhhom ghall-atti u talbu li l-appell jithalla ghas-sentenza waqt is-seduta tal-11 ta' Frar, 2020.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz id-dokumenti esebiti.

**Ikkonsidrat:**

L-attur huwa *registered port worker* u fid-data meta sehh l-incident, huwa kien qieghed jahdem fuq il-vapur "M.V. Rabat", sorgut fil-Freeport, Kalafrana, fuq inkarigu tas-socjeta` konvenuta. Huwa kien qieghed jaghmel xoghol ta' "*lashing"* li tfisser li haddiem ikun qieghed jorbot jew iholl mill-irbit, il-*containers* abbord vapur, u waqt li kien qieghed jissikka l-*"bottle screw",* inqalghet il-hadida li torbot il-*container* f'postu u qabdet is-suba' tan-nofs ta' id il-leminija tal-attur, bil-konsegwenza li wegga' u sofra dizabilita` permanenti. L-attur jilmenta minn diversi nuqqasijiet fl-operat tas-socjeta` konvenuta f'dak li ghandu x'jaqsam mas-sahha u s-sigurta` tal-haddiema u jattribwixxi l-htija ghall-akkadut unikament fuq is-socjeta` konvenuta.

Min-naha l-ohra, is-socjeta` konvenuta tichad ir-responsabbilta` ghall-akkadut u konsegwentement tikkontesta t-talba attrici ghall-hlas ta' danni peress li tikkontendi li l-incident in kwistjoni ma sehhx b'xi tort jew negligenza taghha. Tirribatti d-dizabilita` allegatament sofferta mill-attur,

kif ukoll id-danni minnu sofferti, u ssostni li jispetta lill-attur jipprova l-kaz tieghu skont il-ligi sabiex jissostanzja d-danni minnu allegati.

Filwaqt li l-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, laqghet it-talbiet attrici u llikwidat id-danni fis-somma ta' €47,061.55 u kkundannat is-socjeta` konvenuta thallas lill-attur l-ammont minnha likwidat. Bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` konvenuta.

Is-socjeta` konvenuta hassitha aggravata bl-imsemmija sentenza u ghalhekk interponiet l-appell in ezami. L-aggravju principali tas-socjeta` konvenuta appellanti huwa li l-ewwel Qorti ghamlet misinterpretazzjoni tal-fatti tal-kaz b'mod serju sabiex ghaddiet ghal konkluzjoni li hija bbazata fuq motivi li fil-fehma taghha ma jirrizultawx mill-provi. Hija ssostni li l-ewwel Qorti qabdet biss ma' punt wiehed min-nota ta' sottomissjonijiet taghha, dak li l-attur appellat mhux impjegat taghha u skartat kull punt iehor. Hija ttenni li l-attur appellat huwa *port worker* u mhux impjegat taghha. Is-socjeta` konvenuta appellanti tikkontendi li l-azzjoni attrici hija msejsa kemm fuq l-Artikolu 1031 et seq. tal-Kap. 16 (Kodici Civili) jigifieri l-*culpa aquiliana*, kif ukoll li s-socjeta` konvenuta appellanti naqset milli tipprovdi a *safe working environment* fil-konfront tal-attur appellat. Kwindi fil-fehma tas-socjeta` konvenuta appellanti, kellu jigi determinat jekk il-provi prodotti jissodisfawx dawn iz-zewg elementi.

Il-fatti sottolinjati mis-socjeta` konvenuta appellanti huma li (i) l-attur mhux impjegat tas-socjeta` konvenuta u li l-impieg tieghu huwa regolat minn ftehim kollettiv li minnu jirrizulta li l-haddiema licenzjati tal-port huma haddiema *self-employed* li jipprestaw is-servizzi taghhom lis-socjeta` konvenuta; (ii) l-imsemmi ftehim kollettiv filwaqt li jipprovdi li s-socjeta` konvenuta appellanti ghandha tara li l-haddiema jkollhom il-facilitajiet mehtiega u adegwati ghax-xoghol taghhom, fih jinghad ukoll li l-istess haddiema ghandhom ikunu licenzjati mill-MMA, mharrga u/jew ikollhom esperjenza adegwata, sabiex jaqdu d-dover taghhom skont il-ftehim; (iii) gie stabbilit li l-problema kienet gejja mill-fatt li l-*lashing rods* ma kinux tat-tul korrett, izda dawn ir-*rods* huma parti mit-taghmir tal-vapur u qatt ma jigu pprovduti mis-socjeta` konvenuta u ladarba dan it-taghmir ma jaqax fil-parametri ta' dak li ghandha tipprovdi s-socjeta` konvenuta appellanti, ma jistax jinghad li hija pprovdiet xi haga inadegwata; (iv) f'dan il-kaz ma sar l-ebda rapport ta' xi nuqqas lill-*foreman,* u lanqas lir-rapprezentant tal-vapur; u (v) minkejja li jinghad mod iehor mill-attur appellat, ma jezisti ebda rapport bil-miktub li kellu jitwaqqaf ix-xoghol minhabba tali nuqqas. Dan apparti li tenfasizza li l-*foreman* ukoll mhux impjegat jew rapprezentant taghha, izda haddiem tal-port bhall-attur li allura jfisser li kellu jigbed fl-interess tal-attur u jekk il-*foreman* ha d-decizjoni li ma jwaqqafx ix-xoghol sakemm jigi provdut it-taghmir adegwat, ma hemm ebda raguni ghala s-socjeta` konvenuta appellanti ghandha tirrispondi

ghalih; u (vi) in kontro-ezami l-attur *ex admissis* xehed li r-*rods* ma jinghatawx lilhom mill-Freeport imma jinghatawlhom minn fuq il-vapur u naqas li jindika x'kien preciz in-nuqqas tal-Freeport f'dan l-incident.

Kwindi s-socjeta` konvenuta appellanti tikkontendi li ladarba la l-*lashing rods* u lanqas il-*foreman* ma jaqghu taht il-mansjoni taghha, hija la ghandha twiegeb ghal xi nuqqas ai termini tal-Artikolu 1031 *et seq*. tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u lanqas ai termini ta' entita` illi hija obbligata li tipprovdi ghal *safe working environment* ghall-haddiema.

It-tieni aggravju tas-socjeta` konvenuta appellanti jitratta l-metodu kif l-ewwel Qorti llikwidat id-danni sofferti mill-appellat. Hija tilmenta li l-*multiplier* adottat kien differenti minn dak indikat fit-tabelli li solitament kienu jigu adottati f'kazijiet simili u ghalhekk tikkontendi li kellu jigi adoperat *multiplier* ta' 15, kif ukoll tikkontendi li l-ewwel Qorti naqset milli taghmel tnaqqis ta' *own consumption* jew sabiex tikkumpensa ghall-fatt li l-appellant kien ser jiehu pagament bhala *lump sum* u ghalhekk issostni li kellu jsir tnaqqis ta' 14%. Kwindi s-socjeta` konvenuta appellanti tinsisti li d-danni *lucrum cessans* huma eccessivi u f'kaz li r-responsabbilita` ghall-incident tigi kkonfermata, ghandha ssir revizjoni tal-kalkoli ghal-likwidazzjoini tad-danni. Hekk ukoll fir-rigward tad-danni *damnum emergens,* l-incident kien wiehed *de minimis* ladarba rrizultat dizabilita` permanenti ta' 2%. Kwindi tikkontendi li t-telf li l-attur appellat jikkontendi

li tilef fis-somma ta' €23,000 ukoll hija eccessiva u ssostni li jehtieg li din il-Qorti tirrevedi l-kalkoli eccessivi tal-ewwel Qorti sabiex tasal ghal figura ekwa u gusta.

Ghandu jinghad mal-ewwel li, ghal dak li huwa apprezzament ta' fatti, din il-Qorti, bhala Qorti ta' revizjoni, ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti, sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tal-15 ta' Novembru, 2004, fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells et noe**). Din il-Qorti tintervjeni biss jekk tirradika fiha l-fehma li l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti huwa manifestament zbaljat b'mod li jekk tibqa' tregi l-konkluzjoni bazata fuqu tkun qieghda ssir ingustizzja lejn xi parti. Izda, din il-Qorti, anke bhala Qorti ta' revizjoni, xorta ghandha tezamina l-provi kollha akkwiziti, sabiex tistabbilixxi jekk il-konkluzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti kinitx wahda li dik il-Qorti setghet ragjonevolment tasal ghaliha mill-provi fid-dawl tal-ligijiet u l-gurisprudenza l-aktar recenti u kostanti fil-materja.

Jigi osservat ukoll illi, il-qrati huma tenuti li jiddeciedu l-kawzi fil-parametri ta' dak li jintalab mill-parti attrici, kif ukoll a bazi tal-eccezzjonijiet mressqa mill-parti konvenuta. Issa kif gustament osservat mill-attur appellat, l-ewwel punt sollevat fl-aggravju tas-socjeta` konvenuta appellanti, cioè li l-attur appellat mhux impjegat taghha, qatt ma tressaq formalment bhala

eccezzjoni fir-risposta guramentata taghha. Ladarba s-socjeta` konvenuta ma qajmitx din is-sottomissjoni b'eccezzjoni formali kif kienet obbligata taghmel taht l-Artikolu 728 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta (Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili), strettament din il-Qorti mhix tenuta li tinoltra ruhha f'dan l-argument ulterjorment.

Madankollu tqis xieraq li jigi pprecizat li dan l-argument tas-socjeta` konvenuta appellanti ma jregix. Dan l-istess argument kien rigettat fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-5 ta' Ottubru, 2007, fil-kawza fl-ismijiet **Renato Spiteri v. Malta Freeport Terminals et**, (li ma kinitx appellata). Dan jinghad peress li l-fatt li l-incident sehh fuq bastiment li kien jinsab taht il-kontroll tas-socjeta` konvenuta, jnissel il-htiega fuq il-Malta Freeport Terminals Limited (minn hawn 'il quddiem imsejjha l-Freeport) li tara li l-ambjent kollu fejn qieghed isir ix-xoghol imqabbad minnha jkun wiehed fejn il-haddiema jkunu mharsa mill-periklu, ikunu jew ma jkunux impjegati diretti tal-istess Freeport. Hekk ukoll, f'sentenza ohra tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza fl-10 ta' Lulju, 2006, li mhix appellata, fil-kawza fl-ismijiet **Benjamin Sammut v. Meli Bugeja Co. Ltd**, fejn inghad ukoll li r-responsabbilta` ghal incidenti fuq il-post tax-xoghol ma tqumx biss mir-relazzjoni ta' bejn haddiem u min ihaddmu. Meta l-ambjent tax-xoghol qieghed taht il-kontroll ta' min jaghti x-xoghol, dan ghandu dmir illi jaghmel dak li hu ragonevolment mehtieg u prattiku biex jelimina jew, ghall-inqas, inaqqas il-perikoli u r-riskji ghal dawk li hu

jqabbad biex jaghmlu xoghol fl-interess tieghu f'dak l-ambjent. Il-kriterju ghalhekk, huwa jekk il-post tax-xoghol huwiex taht il-kontroll ta' min jaghti x-xoghol. Dan apparti li l-ewwel argument tas-socjeta` konvenuta appellanti jinsab kontradett ukoll mill-formola tal-korriment esebita in atti, fejn fit-tieni parti li "Timtela mill-Principal f'kaz ta' persuna mpjegata" (fol. 27 tal-process) hemm indikat bit-timbru car "Malta Freeport Terminals Limited".

Lanqas it-tieni punt tas-socjeta` konvenuta appellanti ma jista' jirnexxi, peress li fil-klawsoli tal-ftehim kollettiv citati minnha fost affarijiet ohra, jinghad li s-socjeta` konvenuta ghandha tara li jkollhom il-faciltajiet mehtiega u adegwati ghax-xoghol taghhom. Fil-fehma ta' din il-Qorti u b'applikazzjoni tal-principji hawn qabel citati, dan ghandu jfisser li min ghandu post tax-xoghol taht il-kontroll tieghu, xorta huwa obbligat li jipprovdi sistema tax-xoghol sikura jekk iqabbad haddiema sabiex iwettqu xoghol ghan-nom tieghu. Dan jaqa' sewwa sew taht l-obbligu tas-socjeta` konvenuta li "*tipprovdi l-facilitajiet mehtiega u adegwati ghax-xoghol taghhom*." Tajjeb jinghad ukoll li, il-fatt li x-xoghol fuq il-bastimenti jsir taht il-kontroll tal-Freeport huwa ppruvat mill-kontenut tal-istess ftehim kollettiv esebit in atti (bhal perezempju l-klawsoli numru 1.4 u 9.1 tal-imsemmi ftehim kollettiv). Hekk jinghad li haddiem bhall-attur appellat, jigi assenjat ix-xoghol mill-*foreman* jew mill-kumpannija (Freeport) skont id-diskrezzjoni tal-istess kumpannija jew *foreman*. Dan jinsab korroborat

ukoll mix-xhieda ta' Neville Pace, il-*foreman* impjegat mis-socjeta` konvenuta li jixhed li fil-gurnata tal-incident l-attur appellat gie nkarigat jaghmel xoghol ta' *lashing,* wara li l-istess *foreman* inghata struzzjonijiet f'dan is-sens, minghand l-*Assistant Operations* Manager. Kwindi minkejja li l-ftehim kollettiv kien jipprovdi li l-haddiema kellhom ikunu licenzjati, mharrga u ta' esperjenza adegwata, ma jfissirx li dan jehles is-socjeta` konvenuta mir-responsabbiltajiet taghha. Wara kollox il-klawsola 9.1 tal-ftehim kollettiv jipprovdi li: "*l-Kumpannija tobbliga ruhha li tosserva r-Regolamenti tas-Sahha u s-Sigurta` fuq il-post tax-xoghol skont il-ligi.*"

Dan iwassal ghat-tielet punt tas-socjeta` konvenuta appellanti u cioè li l-kawza tal-incident kienet li l-*lashing rods* li kienu disponibbli fuq il-vapur in kwistjoni, ma kinux tal-qies tajjeb u ladarba dawn ir-*rods* ma kienx taghmir li kellha tipprovdi s-socjeta` konvenuta, isegwi li ma jistax jinghad li dan kien xi nuqqas da parti taghha.

Relevanti f'dan il-kuntest hija x-xhieda tal-*foreman* Neville Pace li xehed:

> "*Kien ikolli wkoll hafna lmenti mill-haddiema tax-xatt rigward id-daqs tal-lashing rods, dan ghaliex kif spjegajt aktar 'l fuq il-lashing rods kienu kollha ta' daqs wiehed filwaqt li l-container corner castings ma kienux tal-istess daqs. Rigward dawn l-ilmenti minn naha tal-portworkers li semmejt, dejjem niftakar li jien kont ngharraf lill-operations manager tal-Malta Freeport, però ma nafx li qatt saret xi haga mill-Freeport f'dan ir-rigward u s-sistema tax-xoghol baqghet ghaddejja bhas-soltu u ma nbidel xejn.*"

Ladarba s-socjeta` konvenuta kienet taf bin-nuqqasijiet li kellhom dawn il-*lashing rods* abbord numru ta' vapuri, id-diligenza li hija mistennija minnha kienet titlob li tipprovdi ambjent b'sahhtu fejn il-haddiema jahdmu bl-anqas periklu ghal sahhithom jew, tal-anqas, tipprovdi supervizjoni xierqa kull hin. Is-socjeta` konvenuta ssostni li dan it-taghmir ma kienx provdut minnha, izda dan l-argument ma jistax ikun ta' fejda ghaliha. Dan peress li kif osservat mill-ewwel Qorti, il-haddiema tal-port huma obbligati li jahdmu bit-taghmir assenjat lilhom, kwindi l-Freeport kienet obbligata li tipprovdi taghmir adegwat. Hekk ukoll, hija xorta kellha d-dmir li tipprovdi lill-haddiema mqabbdin minnha fi hwejjigha b'supervizjoni xierqa, u li f'kull waqt tara li l-ambjent tax-xoghol ma jkunx tali li jwassal ghal xi incident. Kwindi l-fatt li hija ssostni fir-raba' punt taghha li hija ma rceviet ebda rapport ta' xi nuqqas, lanqas ma jista' jehlisha mill-obbligu taghha. Kien obbligu taghha wkoll li tibghat xi hadd li jispezzjona l-lant tax-xoghol qabel ma tibghat lill-haddiema jezegwixxu x-xoghol. Dan qieghed jinghad ai termini tal-provvediment tal-Artikolu 6(2) tal-Kap. 424 (Att dwar l-Awtorita` ghas-Sahha u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol), li jipprovdi ghall-mizuri li ghandhom jittiehdu minn min ihaddem sabiex jevita dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol, li ghandhom jittiehdu fuq il-bazi ta' dawn il-principji generali ta' prevenzjoni:

> ***"(a) li jiġi evitat riskju;***
>
> ***"(b) l-identifikazzjoni ta' perikli assoċjati max-xogħol;***
>
> ***"(c) l-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;***

> ***"(d) il-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;***
>
> ***"(e) li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jirriduċu r-riskju kemm ikun raġonevolment prattiku, inkluż li jitbiddel dak li huwa perikoluż b'dak li ma jkunx perikoluż jew li jkun inqas perikoluż;…"***

Kwindi minkejja li jinghad mis-socjeta` konvenuta appellanti, li ma rceviet ebda rapport fir-rigward tan-nuqqasijiet dwar il-qies tal-*lashing rods*, kieku hija mqar wettqet spezzjoni tal-vapur qabel ma baghtet il-haddiema, kellu jirrizultalha dan in-nuqqas u setghet tiehu l-mizuri xierqa sabiex jitnaqqas il-perikolu u konsegwentement, il-potenzjal li jsehh incident. Isegwi li t-tielet u r-raba' punti wkoll ma jistghux ikunu ta' sostenn fid-difiza tas-socjeta` konvenuta.

Fil-hames ilment taghha, is-socjeta` konvenuta tinsisti li l-*foreman* ma kienx impjegat taghha u li hija ghalhekk ma tirrispondix ghad-decizjonijiet mehuda minnu. Issa apparti li din l-istqarrija tinsab kontradetta mix-xhieda tal-*foreman* innifsu Neville Pace li jixhed li kien impjegat mis-socjeta` konvenuta, din ix-xhieda tinsab kontradetta wkoll mix-xhud prodott mill-istess socjeta` konvenuta, Mark Sultana, fil-kariga tieghu ta' *Quality Health Safety Environment Manager*, li meta mistoqsi dwar l-involviment tal-Freeport fil-*lashing work,* huwa jwiegeb:

> *"**<u>Il-Freeport ghandu rapprezentant tieghu li huwa l-foreman</u>** u l-foreman jibghat lin-nes tal-lashing fuq il-vapur biex jibdew ihollu x-xoghol wara li jasal il-vapur, imbaghad l-oppost, meta qed jghabbi x-xoghol il-vapur, wara li jitghabba x-xoghol, il-foreman jibghat lin-nies tal-lashing fuq il-vapur biex jorbtu x-xoghol."*

In kontro-ezami, huwa jkompli jixhed hekk:

> *"Nghid li l-Freeport ghandu l-foremen u l-foreman jibghat lin-nies fuq il-vapur… Nghid li ma kull vapur normalment ikun hemm shift leader li dan ikun impjegat mal-Freeport u dan jikkomunika mal-foreman rigward kull problema li tista' tinqala'. Jigifieri l-area tkun taht is-sorveljanza ta' dan il-foreman u shift leader flimkien. …ghal sorveljanza hemm nies ohra li huma nvoluti li huma l-middle management. Mistoqsi jekk hemmx xi procedura li tigi segwita biex naraw li l-area fejn ser jahdmu hija tajba ghax-xoghol normalment il-lashing, il-gang tal-lashing jitilghu fuq il-vapur u jekk jaraw li hemm xi haga li mhix safe, jirrapurtaw dan lill-foreman. Nghid li il-foreman jista' jitla' wkoll qabel. F'dan il-kaz partikolari ma nafx x'gara."*

Apparti li din ix-xhieda tikkorrobora l-verzjoni tal-*foreman* li dan kien impjegat tas-socjeta` konvenuta, mill-istess silta jirrizulta n-nuqqas tas-socjeta` konvenuta, dak li tipprovdi supervizjoni, obbligu li kien jaqa' fuq il-Freeport li turi li, f'dak il-hin partikolari, lill-attur appellat kienet qieghda ssirlu sorveljanza xierqa (ara sentenza **Cini v. Wells** citata qabel). Il-htiega ta' supervizjoni tirreferi ghall-obbligu ta' min ihaddem li jipprovdi sorveljanza adegwata biex l-ambjent tax-xoghol jinzamm dejjem u kemm ic-cirkostanzi jippermettu sigur, b'mod li dak l-ambjent bl-ebda mod m'ghandu jkun konducenti, anke potenzjalment, ghall-incidenti li jpoggu fil-periklu l-hajja jew is-sahha tal-haddiema. Dan l-obbligu tas-sorveljanza huwa parti shiha minn dak li l-ligi tifhem bih bhala l-ambjent tax-xoghol imbieghed mill-perikli, liema obbligu ma jistax ikun traskurat. (Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-23 ta' Ottubru, 2001, fil-kawza fl-ismijiet **Michael Fenech v. Sammy Meilaq noe** (mhix appellata)).

In kwantu s-socjeta` konvenuta tikkontendi li hija ma twigibx ghad-decizjonijiet mehuda mill-*foreman,* tajjeb li jinghad ukoll, kif gustament osservat mill-attur appellat fir-risposta tieghu, li s-socjeta` konvenuta la ressqet xi eccezzjoni fis-sens li hija mhix il-legittima kontradittrici ghat-talbiet attrici u lanqas ma talbet is-sejha fil-kawza tal-istess *foreman.* Kwindi din is-sottomissjoni taghha, ukoll mhix konsistenti mal-linja ta' difiza originarjament adottata minnha. Ghalhekk lanqas il-hames ilment ma jista' jirnexxi.

L-ahhar ilment taht l-ewwel aggravju wkoll huwa bla bazi, in kwantu in kontro-ezami l-attur *ex admissis* xehed li r-*rods* ma jinghatawx lilhom mill-Freeport u naqas li jindika x'kien preciz in-nuqqas tal-Freeport f'dan l-incident, peress li l-intimata ma tistax tehles mill-obbligi taghha billi tghid li l-*lashing rods* ma kinux taghmir provdut minnha imma mill-bastiment. Kienet is-socjeta` konvenuta li baghtet lill-attur appellat jahdem fuq dak il-bastiment u ordnat x'tip ta' xoghol kellu jitwettaq mill-attur appellat. Ma tqajmet ebda kwistjoni li l-attur ma wettaqx ix-xoghol kif suppost u x-xoghol kellu jitwettaq mill-attur appellat fuq bastiment sorgut fil-Malta Freeport Terminal, jigifieri fil-post li kien taht il-kontroll tas-socjeta` konvenuta, kwindi kellha l-obbligu li tizgura li l-ambjent tax-xoghol ikun hieles mill-periklu u li t-taghmir ipprovdut lill-haddiema tal-port, ikun wiehed adegwat.

Trattati dawn il-punti fil-kuntest tal-obbligi ta' min ihaddem, tajjeb li jigu mfakkra l-principji li jirrizultaw mid-dispozizzjonijiet tal-ligi generali, li l-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili jipprovdi li *"kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu",* liema htija tinkombi fuq min *"ma juzax il-prudenza, diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja"* (Artikolu 1032(1) tal-Kap. 16). Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, meta din il-Qorti kkonsidrat il-provi in atti, hija tal-opinjoni li tabilhaqq is-socjeta` konvenuta appellanti naqset mill-obbligu taghha li tipprovdi l-prekawzjonijiet prudenti fuq il-post tax-xoghol intizi biex jipprotegu s-sahha tal-haddiema. Hija kellha tipprovdi mhux biss sistema ta' spezzjoni tal-lant tax-xoghol, sabiex jigu evalwati r-riskji u tittiehed l-azzjoni mehtiega sabiex jitnaqqsu r-riskji ta' korriment, izda wkoll tipprovdi supervizjoni fuq il-haddiema, sabiex tassigura wkoll li jkun qieghed jigi wzat it-taghmir adegwat u b'hekk jigu evitati incidenti bhal ma gara fil-kaz odjern.

Kull min ihaddem ghandu jottempera ruhu mad-dmirjiet generali li jadotta prekawzjonijiet xierqa bhala *bonus paterfamilias*, u ghalhekk, f'kull zmien u f'kull aspett li ghandu x'jaqsam max-xoghol, ghandu jaghmel dawk l-arrangamenti xierqa ghall-ippjanar effettiv, organizzazzjoni, kontroll, monitoragg u revizjoni kritika tal-mizuri preventivi u protettivi, kif ukoll li ssir is-supervizjoni mehtiega. Kif inghad mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tal-20 ta' April, 2007, fil-kawza fl-ismijiet **Mayer Scicluna v. TN Waterproofing Limited:**

> *"Jekk mhux dejjem ikun possibbli li s-sit jigi invistat qabel ma jintbaghtu l-haddiema, min ihaddem ghandu, mal-haddiema tieghu, jibghat supervisor tal-esperjenza biex jara li s-sit fejn ikun se jahdmu l-haddiema ikun safe."*

Hekk ukoll kif inghad minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-20 ta' Marzu, 2009, fil-kawza fl-ismijiet **George Cardona et v. Ferdinando sive Randu Zammit et:**

> *"Min ihaddem irid jassigura ruhu li joffri a safe working environment lill-impjegati tieghu…"*

Min-naha l-ohra ma hemm xejn fl-atti li jindika nuqqas fl-operat tal-attur appellat, li kien qieghed jagixxi skont l-istruzzjonijiet li nghatawlu u ma jirrizultax li huwa kkontribwixxa bl-agir tieghu ghall-incident. Lanqas ma ntwera li dak il-haddiem naqas li joqghod ghall-istruzzjonijiet jew ghall-prekawzjonijiet li l-imghallem tieghu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew li l-haddiem, bi traskuragni jew b'rieda, ikun hu nnifsu gab l-effetti tal-incident b'idejh (Ara sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' April, 2017 fil-kawza fl-ismijiet **Tessie Cardona et v. C.V. Builders Ltd. et).**

Min-naha l-ohra, trattati l-obbligi legali tas-socjeta` konvenuta kif jirrizultaw mill-provvedimenti tal-ligi specjali, il-piz li s-socjeta` konvenuta tipprova jekk ghamlitx dak kollu li l-ligi tistenna minnha f'dan ir-rigward jistrieh fuqha. Hija ma pproduciet l-ebda evidenza li b'xi mod turi li mxiet ma' l-obbligi mposti fuqha. Kwindi din il-Qorti ssib li ghamlet sew l-ewwel Qorti meta qieset li l-attur appellat ipprova l-kaz tieghu fir-rigward tar-

responsabbilita` ghall-akkadut u ma tara ebda raguni ghala hija ghandha tilqa' l-ewwel aggravju tas-socjeta` konvenuta.

In kwantu ghat-tieni aggravju taghha, is-socjeta` konvenuta tilmenta dwar il-likwidazzjoni ta' danni maghmula mill-ewwel Qorti, senjatament dwar il-*multiplier* adoperat ta' 23, meta l-attur appellat kellu 39 fid-data tal-incident u huwa mistenni li jirtira fl-eta` ta' 65 sena, hija tikkontendi li kellu jigi adoperat *multiplier* ta' 15.

Kif kellha okkazjoni din il-Qorti tikkumenta fir-rigward tal-*multiplier* f'diversi okkazjonijiet ohra, ghalkemm ghandu jittiehed qies tal-eta` tad-danneggjat fil-mument li sehh l-incident, normalment f'kazijiet bhal dawn m'ghandux isir semplici tnaqqis bejn l-eta` tal-irtirar, u l-eta` tal-persuna fil-mument ta' l-incident, izda l-*multiplier* irid jinkorpora go fih dak l-element ta' *chances and changes of life or vicissitudes of life*. Il-kuncett ta' *chances and changes of life*, gie introdott biex proprju jiggustifika temperament fil-komputazzjoni tad-danni a bazi tal-principju li hadd ma jaf il-futur u, ghalkemm persuna tista' tghix sa eta` avvanzata, il-hajja tghallimna mod iehor. Isegwi li l-*working life expectancy* m'ghandux ikun ikkonsidrat kollu ghal fissazzjoni tal-*multiplier*. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti, fil-kawza **Francis Gauci v. Jimmy Bugeja**, deciza fis-27 ta Novembru, 2009.) F'dan is-sens ukoll, fis-sentenza ta'

din il-Qorti, fl-ismijiet **Anthony Turner et v. Francis Agius et** deciza fit-28 ta' Novembru 2003, fejn inghad hekk:

> *"In other words the multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the plaintiff might anyway not have earned that income."* (The Law of Tort - W.V.H. Rogers, 1994, 2nd Ed. P.228)

Inghatat ukoll is-segwenti definizzjoni fir-rigward tal-*multiplier:*

> *"A figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue, that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the contingencies (i.e that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred) and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases."* (**Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law 6th Edit, 1999, pag.122**).

Il-Qorti ssib li ghandha tfittex li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun garrab hsara, u li terga' tqieghed lil tali persuna fl-istat li kienet qabel l-incident. Gie stabbilit ukoll li l-*multiplier* ghandu jibda jitqies minn dakinhar li sehh l-incident li fih il-vittma tkun garrbet il-griehi, (ara perezempju **Salvatore Mifsud v. Carlo Camilleri et** deciza minn din il-Qorti fis-16 ta' Novembru, 1983). Kwindi konsidrat li m'ghandux jittiehed biss il-*maximum working life expectancy* imma għandhom jittiehdu in konsiderazzjoni wkoll ic-*chances and changes of life,* tqis opportun li tirrevedi l-*multiplier* fil-kaz in ezami, ghal dak ta' 19.

Imiss li jigi trattat it-tnaqqis tal-*lump sum reduction.* Ghalkemm is-socjeta` konvenuta appellanti tikkontendi li ma sar ebda tnaqqis ghal *lump sum reduction,* minn ezami tas-sentenza appellata jirrizulta li, l-ewwel Qorti adottat il-kalkoli proposti mill-attur appellat fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, minn fejn jirrizulta li sar tnaqqis ta' 15 %. Jigifieri strettament l-ilment taghha li ma jirrizultax *lump sum payment* ma jirrizultax bhala gustifikat.

Fir-rigward tat-tnaqqis ta' 15% bhala *lump sum payment,* skont kriterju li gie mistharreg mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Agius v. All Services Ltd**. deciza fit-2 ta' Gunju, 2005:

> "*f'kazijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis iehor ta' 20% ghall-fatt li jkun ser ikun hemm hlas f'daqqa ("lump sum payment") lill-beneficcjarji. Jekk id-decisjoni, pero`, tkun se tinghata wara tul ta' certu zmien, hi l-prattika li l-percentagg ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudini tal-Qrati, li jekk kawza iddum aktar minn sentejn, il-percentagg jonqos b'zewg punti ghall-kull sena ohra li l-kawza iddum biex tigi decisa.*"

Huwa ritenut ukoll li dan it-tnaqqis ghandu jibda jigi kkalkolat minn meta tigi ntavolata l-kawza. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Frar, 2004, fil-kawza fl-ismijiet **Annunziata sive Nancy Caruana v. Odette Camilleri**).

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, meqjus il-fatt li l-kawza giet intavolata fis-sena 2010, konsidrat il-fatt li ser tinghata sentenza finali f'dan il-kaz wara ghaxar snin, tqis opportun li ma jsirx dan it-tnaqqis.

Wara kollox meta titnaqqas percentwali ta' tnejn fil-mija (2%) ghal kull sena li ghaddiet minn dakinhar li nfethet il-kawza (29 ta' April 2010) sa dakinhar li tinghata s-sentenza finali, ma jibqa' l-ebda percentwal x'jitnaqqas. Fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Anthony Turner et v. Francis Agius et,** deciza fit-28 ta' Novembru 2003, gie osservat li meta bhal dan il-kaz l-azzjoni, ddum tant li tiehu trapass twil ta' zmien sa meta tinghata s-sentenza finali, dan "*ghandu jimmilita kontra l-applikazzjoni ta' tnaqqis ghal fini ta' 'lump sump payment*". Kwindi fil-fehma tal-Qorti m'ghandu jsir ebda tnaqqis ghall-fini ta' "*lump sum payment".*

Dan iwassal ghall-komputazzjoni ta' *lucrum cessans* differenti minn dak likwidat mill-ewwel Qorti. Ghalhekk il-*lucrum cessans* dovut lill-attur appellat ghandu jigi rivedut kif gej:

€60,000 x 19 (multiplier) x 0.02 (rata ta' dizabilita`) = €22,800.

In kwantu ghall-ilment tas-socjeta` konvenuta li jitratta d-*damnum emergens,* u li dan huwa wiehed esagerat, ghalkemm ma tinghatax spjegazzjoni ulterjuri mill-appellanti, din il-Qorti ezaminat ix-xhieda ta' George Ciantar, Deputy Manager tal-Port Workers (fol. 23A u 23 B tal-process) li minnha jirrizulta li huwa kkalkola li l-ammont ta' qligh li tilef l-attur appellat ghall-perjodu bejn it-8 ta' Dicembru, 2007 u l-11 ta' Gunju,

2008 (perjodu ta' ftit izjed minn sitt xhur) huwa ta' €30,832.62. Minnhom naqqas il-*gross earnings* ta' €7,231.07 liema salarju xorta thallas lill-attur, sabiex b'hekk wasal ghall-bilanc ta' €23,601.55. Din il-Qorti ma tistax taqbel mal-attur appellat li jigi kkalkolat dan l-ammont shih ghall-fini ta' *damnum emergens.*

Minn din ix-xhieda huwa al kwantu car li dawn il-kalkoli saru fuq il-*gross earnings* u mhux il-qligh nett, kwindi ladarba dawn id-danni huma d-danni attwali li sofra l-attur, jitqies xieraq li jsir it-tnaqqis li normalment issir mill-paga tal-haddiem. Ghaldaqstant il-Qorti tqis li minn dik is-somma, ghandhom jitnaqqsu x'kien ihallas l-attur appellat bhala taxxa tad-dhul u kontribuzzjonijiet ta' sigurta` socjali. Meta din il-Qorti qieset dak li gie ddikjarat fl-FS 3 tal-attur appellat ghas-sena 2008 (Dok. JB12 a fol. 66 tal-process) u nhadem b'mod proporzjonali dak li l-attur hallas bhala taxxa u kontribuzzjonijiet tas-sigurta` socjali fuq is-somma ta' €23,601.55, issib li ghandu jsir tnaqqis ta' €5,057.80. Ghalhekk, wara li jittiehdu dawn l-aspetti in konsiderazzjoni, l-ammont nett li jifdal jitla' ghal €18,543.75.

Isegwi li t-tieni aggravju tas-socjeta` konvenuta jimmerita li jintlaqa' u meta dan l-ammont ta' *damnum emergens* jizdied mal-ammont rivedut ta' *lucrum cessans*, l-ammont totali ta' danni favur l-attur appellat ghandu jigi likwidat fis-somma ta' €41,343.75 (€22,800+€18,543.75).

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tas-socjeta` konvenuta Malta Freeport Terminals Limited, billi tilqghu *in parte,* sabiex tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li filwaqt li tikkonferma r-responsabbilita` tas-socjeta` konvenuta ghall-incident in kwistjoni, tvarjaha billi tillikwida d-danni favur l-attur appellat Joseph Bonanno, fl-ammont ta' wiehed u erbghin elf, tliet mija u tlieta u erbghin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€41,343.75), b'dan illi l-imghax ghandu jiddekorri mid-data tal-ewwel sentenza.

Bl-ispejjez tal-prim'istanza jibqghu kif deciz mill-ewwel Qorti, filwaqt li l-ispejjez tal-appell jinqasmu nofs bin-nofs ($^{1}/_{2}$) bejn il-kontendenti fil-kawza.

| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |
|---|---|---|

Deputat Registratur
rm